

Brussell, 18 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14122/1/23
REV 1

SOC 676
EMPL 480
EDUC 387

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali Fatra tas-Sa Annika JÄREMO, membru supplenti għall-Iżvezja, minflok is- Sur Jacob JOHANSSON, li rriżenja

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Jacob JOHANSSON, bħala membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru msemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għall-Iżvezja).
2. Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 337/75, il-membri tal-Bord tat-Tmexxija jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-gvern tal-Iżvezja nnomina lill-kandidata li ġejja għal dan is-siġġu għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2027:

Is-Sa Annika JÄREMO
Ministry of Education and Research
Division of Upper Secondary and Adult Education
103 33 Stockholm
Sweden
Indirizz elettroniku: annika.jaremo@gov.se

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jirrakkomanda lill-Kunsill:

- (a) jadotta bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill meħmuża li tissostitwixxi membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali, u
- (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru supplenti

tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali

II-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 337/75¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,
Billi:

- (1) Fid-Deċiżjoni tiegħu tat-28 ta' Marzu 2023², il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għall-perjodu mill-1 ta' April 2023 sal-31 ta' Marzu 2027.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Jacob JOHANSSON sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet.
- (3) Il-gvern tal-Iżvezja nnomina kandidata għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 30, 31.1.2019, p. 90.

² ĠU C 116 31.3.2023, p. 15.

Artikolu 1

Is-Sa Annika JÄREMO hija b'dan maħtura membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali minflok is-Sur Jacob JOHANSSON, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2027.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President

=====